# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 T' APRIL 2002**

**Avviz Nru 915/01DM**

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Paul Sammut**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,692 (elfejn sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin) dovuti minnhu in kwantu ghas-somma Lm1,220 ( elf mitejn u ghoxrin lira Maltin) import ta' ghaxar kambjali annessi mal-avviz u mmarkati minn dokument 1 sa dokument 10 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet u in quantum ghas-somma ta' L1,320 (elf tlett mija u ghoxrin lira Maltin) prezz ta' merci lilhu mibugha u kkonsenjati u in quantu ghal Lm152 (mija tnejn u hamsin lira Maltin) l-imghaxijiet legali dovuti sal-prezentata tal-avviz f'dawn l-ammonti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament kontra il- konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat msejjah tlett darbiet ma derx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm2692(elfejn sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali ulterjuri b'effett mil-5 ta' Novembru 2001.

Izda billi l-Qorti kkonstatat illi l-kambjali originali ma gewx esebiti mac-citazzjoni izda gew esebiti kopji taghhom tordna li din il-kawza issir esegwibbli meta jigu pprezentati l-kambjalijiet originali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia

Dep.Reg.

Civil 39